MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 495/2012

**Jason Vella ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta`
Jimmy Vella Fruit & Veg. Limited (C 32795)**

**vs.**

**Interactions Limited (C 48944)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett'elef hames mija u tlieta u hamsin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€3553.37) – rapprezentanti bilanc dovut ghal merkanzija ta' frott u haxix akkwistata mis-socjeta` konvenuta minghand is-socjeta` attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-nota ta' riduzzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2013, illi permezz taghha, ai fini ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal, is-socjeta` attrici irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' tlett'elef, erba' mija, erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li s-socjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' tlett'elef, erba' mija, erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€3494.06), bl-imghax legali dekorribbli mill-20 ta' Lulju 2011 li hija l-ahhar data tal-fatturi mertu ta' din il-kawza, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------